# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Mark Schembri

Illum 25 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Mark Schembri Iben Joseph u Carmena nee Borg imwieled is-Sliema nhar it-23 ta` Frar, 1969 ID 97069M u Residenti fil-Fond BLK B5, fl 2, Triq Pietro Rossel, Pembroke.

1. U Billi int akkuzat talli nhat l-24 ta` April, 2022, f`xi hin bejn id-disgha ta` filghodu (09:00) hrs u nofsinhar (12:00) hrs, gewwa Triq Tul tal-Kosta, Naxxar, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti tat-traffiku, waqt li kont qieghed isuq jew kellek fil-pussess tieghek vettura bil-mutur tal-ghamla Harley Davidson XL bin-numru tar-Registrazzjoni SNA

883 ikkaguna hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla citroen C3 Aircross bin-numru tar-Registrazzjoni `WQZ040 ghad-dannu ta` Go Hire Limited u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, soqt vettura bil-mutur tal-ghamla Harley Davidson XL bin-numru ta` registrazzjoni SNA 883 b`manjiera traskurata, bla kont u /jew perikoluza.

Il-Qorti jiha mitluba li fil-kaz ta' htija barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-impuata ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Art 533 Tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l- Artikolu 328 u 533 tal-Kap 9 u 15(1) 15(1) (a)(2)(3)tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fid-9 ta' Ottubru 2024 ikkonfermat in-nomina tal-esperti fl-inkjesta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PC 362 D Azzopardi** xehed permezz ta' affidavit

**Stephen Cachia** in rappresentanza ta’ Transport Malta xehed permezz ta’ affidavit

**Doris Serpina Schiberras** ippresentat taht gurament il-*Proces Verbal de quo*

**L-ispettur Christian Cauchi** xehed dwar l-investigazzjonijie tieghu b’rabta mal-proceduri odjerni.

**L-ispettur Andrew Agius Bonello** xehed dwar l-involviment tieghu fil-proceduri odjerni

**PC 852 Samuel Borg** xehed dwar l-involviment tieghu fil-proceduri odjerni

**Mitchel Bennett** xehed dwar d-dinamika tal-incident tat-traffiku odjern.

**Andrea Cini** xehed dwar d-dinamika tal-incident tat-traffiku odjern

**Gordon Farrugia** xehed in rappresentanza tal-Go Hire

**Mark Schembri,** xehed hekk.

Avu: Mela sur Schembri dakinhar tal-inċident inti x'kont qed isuq?

Xhud: Mutur Harley Davidson SNA 883.

Avu: Inti kemm ilek is-suq muturi?

Xhud: 20 sena.

Avu: Issa dakinhar tal-inċident minn fejn kont ġej u fejn kont sejjer?

Xhud: Kont ġej minn naħa ta' Kennedy Grove, kont sejjer lejn Pembroke biex ngħaddi mill-kosta.

Avu: Kont xi għaġla partikolari inti?

Xhud: Le kont sejjer id-dar issa.

Avu: Issa zomm f'moħħok li ħadd minnhom ma kien hemmhekk, jiġifieri spjega lill-Qorti pass pass x' ġara qabel l-inċident u x'ġara fil-mument tal-inċident?

Xhud: Jiena kull nhar ta' Hadd nitlaq bil-mutur nahdem il-kosta Cirkewwa u Xemxija u ninżel lura mill-istess triq minn ġol-kosta. Dakinhar kien għall-ħabta tal-ħdax kien hemm it-traffic jibda minn Kennedy Grove.

Avu: It-traffic kif kien wieqaf?

Xhud: Iva it-traffic kien wieqaf u ħadd ma seta' jgħaddi sa fejn ir-roundabout u taqbeż il-coast road il-coastline u l-Coastline Hotel jiġifieri ma tistax tgħaddi t-traffic kien litteralment wieqaf, Jiena x'ħin wasalt fejn ir-roundabout kien hemm karozza WZ.

Avu: Mela inti għandek it-triq ġej minn Kennedy Grove warajk qiegħed mar-roundabout sejjer f'liema direzzjoni trid tmur?

Xhud: Lejn triq il-kosta.

Avu: Jiġifieri inti trid tmur dritt mhux hekk sewwa?

Xhud: Jiena kont wieqaf dak il-ħin qed nistenna biex ngħaddi u hemmhekk hemm 2 lanes tista' tgħaddi għall triq il-kosta u l-karozza ta' quddiem li jiena kont qiegħed naqra il-barra minna kienet dieħla.

Avu: Il-barra kemm?

Xhud: Għax inti meta tkun bil-mutur ma toqgħodx bejn 2 karozzi għax wiehed ta` wara jista jtik daqqa u jaghfsek u jiena kont qiegħed fuq in-naħa ta' barra ħalli ħdejn line biex jiena jekk hi aċċidentalment jiġi xi ħadd noħroġ biex ma jweġġanix ta' quddiem illi kienet din il-karozza.

Avu: Id-distanza bejnek u bejn il-karozza f`dak il-punt kemm kienet?

Xhud: Forsi kien hemm nofs karozza karozza l-iktar.

Avu: U dan qed ngħidu wisa` u tul boghod?

Xhud: Boghod forsi kien hemm karozza, karozza tul u l-karozza li ħabtet miegħi,

Avu: Mela mument għadna ma wasalniex għall-inċident meta inti qiegħed tul ta' karozza l`bogħod wisa' maqlugħ il-barra mill-karozza maqlugħ il-barra fuq in-naħa tas-sewwieq hux hekk fuq in-naha tal-lemin tal-karozza jiġifieri inti qiegħed maqlugħ il-barra nofs karozza qiegħed maqtugħ lura minnha tul ta' karozza bejn wiehed u iehor, issa minn hemmhekk il quddiem sa l-inċident Spjega eżatt x'ġara?

Xhud: Dak il-ħin il-karozzi kienu weqfin għar-raġuni li kien hemm aççident faċċata inti triq ġej mill-coastline. U in-nies bdew jieqfu jagħtu l-ewwel għajnuna għax kien hemm 6 karozzi maqbudin u kien hemm xi tfal u xi trabi ġolġol ġol-karozzi maqbudin kulħadd beda jinżel biex jiċċekkja jekk għandkom bżonn xi ħaġa u oħra u jiena soqt bil-mod dak il-ħin u ta' quddiemi li kien dieħel fl-istess direzzjoni, flok baqa' dieħel ghax raha l-karozzi reġgħu waqqfu ġibed fuqi u kaxkarni minn quddiem. Ir-rota tiegħi daħlet fuq il-madgard tiegħu, bid-daqqa l-isteering il-handlebar biex niftehmu jien kont qed inżomm magħha gie qisu katapulta u lili tajjarni litteralment tajjarni minn fuq il-mutur u tefagħni fuq is-central strip l-isteering daħal ġot-tank bid-daqqa li tani biex għadda minn quddiemi sparani minn fuq il-mutur.

Avu: Issa il-mutur minnu nnifsu x`ikun fih biex dan ma jiġrix u x'ġara bl-impatt, Mela normalment il-mutur il-handlebar iddur daqshekk jew le?

Xhud: Le l-handlebar għandu lock għandu lock tiegħu sa fejn jgħidu għax inkella jidħol taqsam il-mara tikser kollox qasam il-joint tan-nuċċali biex niftiehmu fejn jistrieħ il-pin

tal-mutur qassmu għandi hawnhekk u baqa' dieħel ġot-tank.

Avu: Baqa' dieħel ġo tank inti meta baqa' dieħel ġo tank se nagħmlu d-dokumenti kollha fl-aħħar meta baqa' dieħel ġo tank inti x'ġara minnhekk?

Xhud: Jien dak il-ħin pajjiż li bqajt inżommha l-isteering din l-id tan-naħa tal-lemin inqassmet ix-shoulder hawnhekk il-skapula għax għandi d-dettalji ta' spallti u allura peress li bqajt inżomm magħhom, eress li jiena bqajt inżomm mal-mutur b`din l-id, il-mutur bl-impatt tghajjarni fuq is-central strip, jiġifieri la ġenba bid-dritt l-isteering għax jiena kont sejjer dritt ġot-triq.

Avu: Mela spjega tina l-lista tal-ħsarat fuq il-mutur tiegħek?

Xhud: Il-Lista kienu ħallsuni il-Middlesea, jiena inxurjat hemm third party fire and theft.

Avu: Ghidli il-hsarat x`kienu?

Xhud: Ddettaljati għandi lista sħiħa lista nħallijielkom hawn kollha imma l-mutur baqa' bid-daqqa li tatni l-karozza tal-mutur dar bil-kontra, jiġifieri mhux għax mhux kont għaddej bi speed għax kieku kont nifqaghha il-karozza b'ammont ta' speed il-mutur dar u ġie wiċċu n-naħa l-oħra u Baqa' startjat il-mutur.

Avu: U l-ħsarat fuq il-karozza l-oħra x'kienu?

Xhud: Il-Ħsarat jidhru li hawnhekk hawn jidher li għandu mudgaurd u rota.

Avu: U inti jiġifieri l-impatt kif seħħ il-mutur tiegħek?

Xhud: Qabadli ir-rota ta` quddiem, ma quddiem tal-mudguard ghandi ritratti, ma quddiem tal-madgard fejn hemm ir-rota man-naha tas-sewwieq.

Avu: Ix-xhud qed jezebixxi DOK AS 1. Immarka pinna fuq fuq il-karozza il-punt b`X fejn sar fejn sar l-impatt bejnietkom u ezebiegh.

Qorti: Inti haddtu dak ir-ritratt?

Xhud: Ie daka fuq il-footage tat-TVM mma għandi ritratti tal-insurance ukoll hawnhekk hawnhekk għandi l-ittra.

Qorti: M anistax naccetta ritratt fuq TVM.

Xhud: Ghandi ritratti ohrajn.

Qorti: Haddthom int?

Xhud: Ma hadtx ritratti ghax kont l-isptar dak il-hin.

Qorti: Ir-Ritratti min hadhom jekk hawn xi persuna biex taħlifhom.

Avu: Sinjura nista jekk nista' nezebuh li ixxhieda tieghu tiegħu tkun kompluta u l-iktar l-iktar intella ta' tvm biex jikkonfermawli il-dak il-footage bil-ġurament tagħhom imbagħad.

Xhud: Il-filmat ghandi qieghed.

Avu: Mela ħa nurik ir-ritratt li jidher a fol 30 tal-PV ir-ritratt li hemm fuq in-naħa ta isfel immarkali b`X fuq dan ir-ritratt fejn kien l-impatt bejn il-mutur u din il-karozza?

Xhud: Nimmarka fuqhom?

Avu: Iva u inti għedtilna li bl-impatt allura daret il-handlebar inti tirt minn fuq il-mutur u spiċċajt fuq is-centre strip għedtilna is-centre strip kemm kienet imbiegħda?

Xhud: Xi 8 mtrs.

Avu: Issa bl-impatt inti x' ġaralek?

Xhud: L-impatt jiena meta meta meta ġġib l-isteering inġibed din-naħa u qabeż il-lock idejja din ġiet bla saħħa, jiġifieri

inqassmet l-iskapula u bdiet għan-naħa ta lil hawn din tan-naħa bqajt imwaħħal magħha. Allura li tirt fuq is-central strip u kissruli 12 kustilja mfaqali il-pulmun u kelli il-fwied imtaqqab ukoll, jiġifieri kont qisni bla nifs ghax il-pulmun ghax ma bediex jigbed.

Qorti: Sinjur inti fejn kont sejjer dritt jew ha ddur mar-roundabout?

Xhud: Jien kont sejjer id-dar dritt Pembroke dejjem minn hemm naghddi.

Avu: Wara l-impatt x'ġara?

Xhud: Imbagħad wara l-impatt ġie tal-emerġenza u qalli,

Qorti: Għaliex ma kontx fuq il-lane l-oħra?

Xhud: Jien kont fil-lane tan-nofs, jiġifieri bejn.

Qorti: Ghaliex ma kontx fuq il-lane li tibqa sejjer dritt?

Xhud: Ghax normalment ma noqghodx wara l-karozzi noqghod mal-genb meta jkun it-traffic ghax it-traffic kien litteralment lanqas jimxi allura biex ma naqlax daqqa minn wara ghax in-nies ikunu fuq il-mobile jew haga jew ohra,

Qorti: Imma meta wasalt fuq ir-roundabout it-traffiku kien qed jimxi le?

Xhud: Le ma kienx qed jimxi għax il-karozza flok baqa' sejjer dritt ġibed l-isteering u ġie quddiemi eżatt lanqas biss.

Avu: Fil-mument ta' l-impatt għax din hi importanti ħafna sinjura fil-mument ta' l-impatt kemm kien hemm distanza bejnkom sal-bidu ta' triq il-coast road, jiġifieri jekk tħares jekk qiegħed fuq ir-roundabout intom qed tghid li qegħdin fuq ir-roundabout ma' liema parti tar-roundabout kontu inti u ghadek ġej minn naħa ta' Pembroke jew inkella in-nofs tar-roundabout maqbuz?

Xhud: Jiena kont wieqaf qed nistenna l-karozza quddiemi tgħaddi, għaddiet x'ħin jiena ġejt biex ngħaddi għat-triq ġol-lane tiegħi għax dik double lane dieħla ġol-coastroad dan għax x`ħin daħal ġol-coast road it-traffic ta' quddiemu waqaf u flok baqa' dieħel la hares u lanqas oħra ġie quddiemi u biex jgħaddi biex jevita t-traffiku u jitla' minn triq t'alla u ommu.

Avu: Jigifieri in-nofs tar-roundabout kontu qbiztuh jew le?

Xhud: Iva dazgur kien ga dahal kwazi gol-coastroad hu.

Avu: Id-distanza bejn il-punt tal-impatt tal-kost sal-bidu tal-coast road kemm kienet tul?

Xhud: Bejn wieħed u ieħor qisu forsi 2m tliet metri iktar l-iktar għax jiena mbagħad meta ġejt qisni catapultat il fuq is-central strip għax dari ħabat mal koxxa tal tas-simenta u bqajt nirrombla fuq il-fuq is-centre strip.

Avu: Mela inti l-proċess verbal u r-rapport tal-espert Mario Buttigieg rajtu hux hekk?

Xhud: Ijja.

Avu: Mela l-espert Mario Buttigieg jikkonkludi illi inti kont qed issuq fil-mument ta' l-impatt veloċità tal-fuq minn 90km fis-siegħa sorry 72km inti x'għandek xi tgħid fuqu dak?

Xhud: Jiena qatt ma setgha jista jkun naghddi b`dak l-ispeed.

Avu: Bhala stat ta' fatt inti kont qed isuq bi 72km fis-siegħa jew le?

Xhud: Le ghax jiena kont wieqaf u ġejt biex insuq il-mutur qatt ma jista' jitla' dak l-ammont f`inqas distanza lanqas li kieku jiġifieri jiena tirt a kawża ta' tal-isteering biex dar u l-isteering għax daqqa li tani d-daqqa fuq ir-rotau ir-rotta ġiet qisha katapulta u tirt dik is-saħħa tal-isteering jigifieri ma kontx għaddej dak dak l-ispeed.

Avu: U semmejtilna l-insurance inti kif inti inxurjat?

Xhud: Jien inxurjat third party fire and theft.

Qorti: Għandu bażikament ta' traskurat perikoluż li għandu naqra l-oħrajn u.

Xhud: Jien dak dak il-ħin ħsibt li ħa joqtolni għax kieku ma kieku jien kieku ma ftahtx naqra kien ħa ikaxkarni minn taħt il-karozza allura peress li kont dieħel ħallejtu jgħaddi forsi naqra biex almenu jinduna bijja imma qabadli rota u l-handlebar gibidni, gibidni dik l-ispeed.

Avu: Issa L-insurance tiegħu lilek ħallsitek x`ġara?

Xhud: Ijja l-insurance ammettew it-tort u ħallsuni tad-damages u ta kollox tal-ħsara talli kelli lill-fiżika għax għandi twenty percent hawn disability u peress li fil-pulmun ma hija 69 per cent u effettwali x-xogħol tiegħi.

Pros: Kontro-eżami, Sinjur inti kont għedtilna li kont għaddej bil-mod u rajt la kont għaddej bil-mod u rajt il-karozza?

Xhud: Ma rajthiex il-karozza, il-karozza f'daqqa wahda ġibed l-isteering u ppruvajt nagħmel mill-aħjar biex ma jolqotniex fil-fatt ersaqt naqra il-barra għax kien ħa jgħaddi minn fuqi.

Pros: U inti għedt li s-soltu issuq spiss minn hemm?

Xhud: Minn hemm fuq dik it-triq kull nhar ta' Hadd naghaddi minn hemm dejjem jiġifieri nitlaq ma ltaqa ma' ħbieb iċ-Cirkewwa mbagħad nerġa' ninżel u ngħaddi mill-istess triq.

Pros: U bhala norma meta taghddi minn dik it-triq u peress li Harley Davidson bħala norma b'liema veloċità tgħaddi minn hemm?

Xhud: Il-mutur mhuwiex mhux ghall-speed jiġifieri iktar u iktar cruiser li tgħaddi biex titpaxxa bih u jiġifieri normali naghddi is-soltu 20 mar-roundabout lanqas tista' titlaq biex tgħaddi b' 75km per hour mar-roundabout.

Trid tkun Valentino Rossi għax jiena naf nagħmilha.

Pros: Go dik it-triq 20 tkun ghaddej?

Xhud: Le ġo dik it-triq ghar-roundabout qed ngħidu tar-roundabout ikollok it-teknika biex inti tinzel 75km per hour mhux qed ngħidlek li m'għandhiex.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kamp kriminali l-livell ta’ provi irid ikun ta’ “beyond a reasonable doubt” . Dan il-livell ma intlahaqx. L-imputat jikkontendi li l-lane li kien fiha kienet tippermetti li jibqa sejhjer

dritt filwaq li xhieda ohra mhux cari dwar dan il-punt. Fic-cirkostanzi ma intlahaqx l-livell ta' provi rikjest mill-kamp kriminali u l-imputazzjonijet mhux ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 328 u 533 tal-Kap 9 u 15(1) 15(1) (a)(2)(3)tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil Mark Schembri hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**